

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9634/25

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140 (CNS)

ANTIDISCRIM 62
FREMP 145
GENDER 60
JAI 709
MI 350
SOC 335

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9573/25	
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrISPETTIVAMENT mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tad-19 ta' Ġunju 2025.

Direttiva dwar it-Trattament Ugwali

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Direttiva tal-Kunsill bl-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE f'dan il-qasam¹, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-prodotti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni. Fl-oqsma barra l-impjieg, id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u tal-orijini razzjali jew etnika diġà hija pprojbata fil-livell tal-UE.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009² skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 TFUE; għaldaqstant hija meħtieġa unanimià fil-Kunsill, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill għadu ma rnexxilux jikseb l-unanimià meħtieġa dwar il-proposta, li tressqet kważi 17-il sena ilu. L-aktar Rapport ta' Progress reċenti³ ġie ppreżentat lill-Kunsill EPSCO fl-20 ta' Ġunju 2024.

Filwaqt li maġġoranza kbira ħafna tad-delegazzjonijiet ilha tappoġġa d-Direttiva, billi approvaw il-fatt li għandha l-għan li tlesti l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni permezz ta' approċċ orizzontali, ċerti oħrajn esprimew tħassib relatat mal-konformità tagħha mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

² Ara d-dokument A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/Il-Ħodor/Alleanza Hielisa Ewropea) inħatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

³ 10817/24

Filwaqt li jibni fuq in-negozjati twal, il-Kunsill kompla jagħmel sforzi konġunti biex jintlaħaq qbil taħt Presidenzi reċenti. Sar abbozzar mill-ġdid komprensiv ħafna tal-proposta taħt Presidenzi suċċessivi biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, tiġi ċċarata d-diviżjoni tal-kompetenzi u t-test jiġi allinjat mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. It-tneħħija tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà naqqset b'mod sinifikanti l-implikazzjonijiet finanzjarji tad-Direttiva. Is-soluzzjonijiet ta' kompromess li nstabu fil-Kunsill, b'mod partikolari matul il-Presidenza Belġjana fir-rebbiegħa tal-2024, ippermettew li kważi l-Istati Membri kollha jappoġġaw id-direttiva.

Ta' min ifakkar li, matul is-sena li għaddiet, maġġoranza kbira tal-Istati Membri esprimew b'mod ċar u ripetut appoġġ għal ftehim dwar din il-proposta li ilha stabbilita, filwaqt li qisuh opportun, f'waqtu u meħtieġ.⁴

Il-Presidenza Pollakka kien biġsiebha tavvanza d-diskussjoni bil-ġisieb li tiffaċilita l-adozzjoni l-aktar bikrija possibbli tad-Direttiva. Madankollu, fin-nuqqas ta' kwalunkwe suġġeriment addizzjonali ta' abbozzar mill-Istati Membri bi tħassib pendenti, il-Presidenza ma setgħetx tippromponi test ta' kompromess ġdid u tiżgura unanimià fil-Kunsill.

Il-Kummissjoni ilha tappoġġa t-tfittxija għal kompromess, filwaqt li f'dan l-istadju, iżżomm riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla għall-proposta oriġinali tagħha. Fil-programm ta' Ħidma tagħha tal-2025, ippubblikat fl-11 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ħabbet l-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposta għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali.

⁴ Laqgħat tal-Kunsill EPSCO tas-7 ta' Mejju 2024, l-20 ta' Ġunju 2024 u t-2 ta' Diċembru 2024.

Fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ) tal-25 ta' Frar, disa' Stati Membri appellaw lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid l-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposta. Din il-fehma ġiet espressa wkoll minn 13-il Stat Membru fil-Kunsill EPSCO fl-10 ta' Marzu.

Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, inkluż id-diskussjonijiet fil-Kunsill EPSCO, l-Istati Membri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) Wara t-tħabbira reċenti mill-Kummissjoni Ewropea tal-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposta, xorta taħsbu li l-unanimità meħtieġa tista' tintlaħaq fil-Kunsill u tixtiequ tkomplu taħdmu fuq it-test ta' compromess?
- 2) Jekk dan ma jkunx il-każ, tixtiequ thegħu lill-Kummissjoni tħejji proposta ġdida li tindirizza b'mod effettiv l-oġettivi tal-proposta inizjali u tistabbilixxi qafas koerenti ta' leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-UE?
